**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Kawza Numru: 2619/23**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar**
**Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs**

**Abdulaziz Ali Abdalla Adem**

**Illum 25 ta' Lulju, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Abdulaziz Abdalla Adem**, ta' 23 sena, iben Ali u Hawa imwieled Sudan, nhar il-15 t'Awissu 1999, residenti HTV Hal Far u detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 9006104A u Numru tal-Pulizija 18K050.

**Akkuzat** talli:

Nhar it-2 ta’ Mejju, 2023 ghall-habta ta’ bejn l-ghaxra ta’ filghaxija (22:00hrs) u l-hdax u kwart ta’ filghaxija (23:15hrs) gewwa Hal Far u Birzebbugia:

1) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' **PS2123 Mary Grace Saliba, PS2041 Elaine Cassar, PC809 Burken Farrugia u PC367 Michael Sacco** filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;
*Art 96 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta*

2) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ **PS2123 Mary Grace Saliba, PS2041 Elaine Cassar, PC809 Burken Farrugia u PC367 Michael Sacco, PC1493 Christian Debono, PC112 Joshua James Grixti, PC1477 Michael Owen Gatt, PC733 Leander Spiteri u PS133 Jean Claude Mangion**, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom, kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
*Art 95 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta*

3) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-Surgent **PS2123 Mary Grace Saliba** f’periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha. Liema griehi huma ta’ natura hafifa;
*Art 214,215, u 221 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta*

4) Hebb kontra **PS2123 Mary Grace Saliba, PS2041 Elaine Cassar, PC809 Burken Farrugia, PC367 Michael Sacco, PC1493 Christian Debono, PC112 Joshua James Grixti, PC1477 Michael Owen Gatt, PC733 Leander Spiteri u PS133 Jean Claude Mangion** sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;
   *Art 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

5) Ghamel lil **PS2123 Mary Grace Saliba, PS2041 Elaine Cassar, PC809 Burken Farrugia, PC367 Michael Sacco, PC1493 Christian Debono, PC112 Joshua James Grixti, PC1477 Michael Owen Gatt, PC733 Leander Spiteri u PS133 Jean Claude Mangion** ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
   *Art 339 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

6) Hebb kontra **Blagojche Marinkovski u Dalibor Ciric** sabiex jingurjhom idejjaqhom jew jaghmlilhom il-hsara;
   *Art 339 (1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

7) Ghamel lil **Christian John Michael Attard**, ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
   *Art 339 (1)(€) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

8) Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
   *Art 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

9) Naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

*Art 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

10) F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu;
*Art 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

11) Ikkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr V Axiaq LL.D. nhar it-28 ta' Lulju, 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

12) Irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzai tal-Qrati tal-Magistrati li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;
*Art 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Din l-Onorabbli Qorti giet gentilment mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' **PS2123 Mary Grace Saliba, PS2041 Elaine Cassar, PC809 Burken Farrugia, PC367 Michael Sacco, PC1493 Christian Debono, PC112 Joshua James Grixti, PC1477 Michael Owen Gatt, PC733 Leander Spiteri u PS133 Jean Claude Mangion u l-Pulizija kollha nvoluti u Blagojche Marinkovski, Dalibor Ciric, u Christian John Michael Attard**, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex tohrog Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Abdulaziz Abdalla Adem u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittmi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2023.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor:**

Fit-02 ta' Mejju 2023 ghall-habta ta' bejn l-ghaxra ta' fil-ghaxija u l-hdax u kwart ta' fil-ghaxija, l-imputat kien allegatament involut f'incident mal-membri tal-istaff gewwa l-villagg ta' Hal Far (HTV) u ntalbet l-assistenza tal-Pulizija li jkun hemm ghaz-zamma tal-bon ordni hemmhekk. Dawn talbu aktar assistenza u l-imputat allegatament spicca hebb ukoll ghal diversi pulizija. L-imputat li allegatament kien fis-sakra gie arrestat u nhargu l-akkuzi fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Provi**

Il-prosekuzzjoni flimkien mac-citazzjoni ressqet bhala provi d-dettalji personali tal-imputat Dokument JC1[1], il-fedina penali tal-imputat Dokument JC2[2] u d-dokument dwar l-Identita tal-imputat mahrug mill-Pulizija Dokument JC3[3].

Xehed l-**iSpettur Jonathan Cassar[4]** li spjega li kien gie infurmat mill-iSpettur Doriette Cuschieri li kienet duty officer fil-gurnata preċedenti li kien hemm persuna arrestata fuq vjolenza fuq uffiċjal pubbliku u li din il-persuna kien ċertu Abdulaziz Ali Abdalla Adem li huwa gharaf fl-awla. Jghid li fit-3 ta' Mejju 2023 flimkien ma l-iSpettur Doriette Cuschieri kont interrogajt lill-imputat fuq dan l-incident li allegatament fit-2 ta' Mejju tas-sena 2023 igifieri fil-gurnata preċedenti ghal habta ta' l-ghaxra ta' bil-lejl fejn allegatament l-imputat sa dak iz-zmien kien jirrisjedi ġewwa Hal-Far Tent Village kien qala' kommossjoni mal-membri ta' l-staff t' hemm hekk, ma xi securities u xi haddiem tal-HTV. Hemm hekk fuq il-post jkun hemm pulizija fuq extra duty, kienet intalbet l-assistenza taghhom fejn l-imputat prova jigdem pulizija, gara xi ġebel lil xi pulizija u anka ghamel griehi hfief fuq Surgent tal-pulizija. Konsegwentament kienet intalbet l-assistenza tal-pulizija ta' l-ghassa flimkien ma l-RIU. Kienu telghu fuq il-post fejn l-imputat kompla b'dak l-attegjament u attwalment ittiehed ġewwa l-lock up tal-pulizija. Jiena flimkien ma' l-iSpettur Doriette Cuschieri konna hadnielu stqarrija, gie mghoti d-debita twissija u kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat fejn hu kien ghazel li ma jikkonsultax

[1] A folio 7 tal-process.
[2] A folio 8 tal-process.
[3] A folio 10 tal-process.
[4] A folio 17 tal-process.

ma avukat qabel l-interogazzjoni. Meta gie mistoqsi rigward l-akkadut huwa kien wieġeb li kien fis-sakra, li ma jiftakarx kemm xorob u ma jiftakar xejn. Jghid li huwa staqsieh jekk kienx iddispjaċih ta' dak li ghamel fejn huwa kien wieġeb li ma jiddispacihx. Ix-xhud ippreżenta dikjarazzjoni tar-rifjut ta' l-assistenza legali li giet immarkata Dokument JC 4[5] u l-istqarrija tal-imputat li giet immarkata Dokument JC5[6].

Xehdet **PS 2123 Mary Grace Saliba**[7] li spjegat li fit-2 ta' Mejju kienet xoghol mis-sitta sa nofs il-lejl l-AWAS bhala overtime flimkien ma' tlett pulizija ghaz-zamma tal-paċi u ordni pubblika. F'xi l-ghaxra ta' bil-lejl semghu kommossjoni u rat xi support workers minn ta' l-AWAS jiġru u ahna ovvjament hrigna immedjatament biex naraw x'gara u ma garax. Morna fuq wara tal-ufficcju tas-support officers u naraw qisu kien hemm din il-kommossjoni ma' wiehed mir-residenti taghhom hemm hekk. Ahna ovvjament staqsejnihom x'gara u qalulna biex nohrogu lil dan il-persuna barra ghax kien qieghed fis-sakra u hemm hekk mhux suppost tkun fis-sakra ġewwa. Kif konna qed nohorguh lil dan il-persuna, wiehed mill-pulizija waqa' mieghu u gew is-security li jkunu stazzjonati hemm hekk biex ovvjament jeskortawh il-barra huma. In the mean time dan il-pulizija meta waqa' mieghu ma' l-art ma' dan ir-resident dan prova jigdmu f'saqajh ghax dak il-hin waqt dik il-kommossjoni beda jghidlu bhal speċi m'intiex ha tipprova tigdimni. Qabdu minn saqajh u minn Alla li kien hemm dawn is-security officers. Il-Pulizija kien PC 809. Tghid li z-zewg Security officers ghinuhom biex jaqalghu lil dan ir-resident minn ma' saqajn

[5] A folio 19 tal-process.
[6] A folio 20 tal-process.
[7] A folio 22 tal-process.

il-Pulizija. Hija gharfet lill-imputat fl-awla bhala r-resident li kienet qed tirreferi ghalih.

Tghid li mbghad gew is-security u harguh barra lil dan ir-resident u kif telquh, ahna ovvjament konna maghhom, kif telquh dan mar jiġri dritt ghal faċċata ghax hemm hajt tas-sejjieh, qabad żewġ gebliet f'idejh u gie biex jipprova jgarrahom lejna u lejn is-security officers. Kif rajna hekk ahna ovvjament hrigna barra fit-triq, immanetjajnih umbghad jien cempilt 112 ghal aktar assistenza fejn bghatulna lil tad-distrett.

Tghid li lilha weggaghha ghaliex hija kient immanetjatu bil-manetti taghha, imbghad kif gew tad-distrett ridna inbidlulu l-manetti biex ovvjament jiena inkun nista' nohodhom lura. Dan ovvjament ma halliniex nahdmu, jien x'hin bdejt nipprova nhollhom bic-cavetta beda jdawwarli jdejh u qabadli subghaja u ilwihuli, fl-istess hin bil-manetti qarasni, tispjega li ghandha girfa f'idha u kellha ċertifikat ukoll ghax wara marret il-poly clinic biex tkun ċerta li ma ghamlilha xejn kbir. Imbghad bidlulu l-manetti, fl-istess hin il-hin kollu jinsulentana, jghajjarna, joffendina. Mistoqsija "X'beda jghidilkom?", tghid testwalment "Foxx kemm ghandkom, foxx il-pulizija, lanqas naf x'ma bediex jghidilna. Kien jidher li kien fis-sakra sew igifieri, kellu ghajnejh suwed igifieri kien jidher li mhux qieghed sew dak il-hin. U anka kif dahhalnih fil-karozza tad-distrett dan beda jixxutja b'saqajh il-headrest tas-seat tax-xuffier. Umbghad x'hin bdejt nara hekk, ghidt dan mhux ha jhallihom jsuqu u ghidt ha jispiċċa jwegga' pulizija iehor. Umbghad erġajt cempilt lil tar-radios biex terga' tintbghat karozza ta' l-RIU ghaliex karozza ta' l-RIU tkun almenu bil-gagga u jkunu jistghu jeskortawh huma. Ghaliex lanqas fil-karozza ma qaghad, il-hin kollu jixxutja, jdur u jinqaleb u jnehhi z-zarbun.".

Xehdet **Maria Lourdes Schembri**[8] li tispjega li hija tahdem support worker, l-AWAS, Hal-Far HTV. Tghid li fit-2 ta' Mejju ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghaxija kienet qeghda barra u r-resident, li hija gharrfet fl-awla, ma kienx stabbli u kien taht l-influenza ta' l-alcohol.

Tghid li r-resident kien taht l-influenza ta' alcohol, waqaf jitkellem maghna u jien bdejt bil-kalma kollha nipprova nifhmu x'inhu jghid però bejn li ma kienx stabbli u bejn beda jitkellem bil-lingwa tieghu ma stajniex nifhmuh. L-RFO supervisor x'hin rah li qieghed viċin tal-ufficcju tas-support worker gie bhal speċi jiċċekkja x'gara u josservah peress li hu ma kienx stabbli u r-residenti x'hin ra lis-supervisor beda jkellmu hazin u joffendih. Ahna provajna nikkalmawh u provajna naghmlu minn kollox biex is-sitwazzjoni nippruvaw nikkalmawha, il-pulizija semghu l-ghajjat tar-resident ghax beda jghajjat, gew jassistuna u ghas-safety taghna l-pulizija iddeċidew li jeskortaw lir-resident barra. Tghid li r-resident beda jinsulta lis-supervisor Chris Attard.

Xehed **Christian Attard**[9] li spjega li huwa jahdem Reception Facility Officer, u shift leader Hal-Far Tent Centre. Jispjega li fit-02 ta' Mejju madwar id-disgha u nofs, kienu qeghdin night shift u r-resident bin-numru tal-pulizija 18K50 gie nnutat hu u gej lejn il-gate li xxengel xi ftit minn kif qaluli l-RFO's. Huwa jghid li isem ir-resident huwa Abdulaziz u gharfu fl-awla.

Jghid li gie innutat li mhux qieghed jimxi dritt u ghajjatna lis-support workers, bhala procedura taghna dik hija biċċa xoghol li

[8] A folio 25 tal-process.
[9] A folio 28 tal-process.

rridu naghmlu. Ghajjatna lis-support workers ghidnilhom li gie innutat li mhux qieghed daqshekk stabbli mid-daqqa t'ghajn, ftahna t-tieqa, kellimnieh u ahna u nkellmuh inxtammet riha qawwija ta' alkohol fuqu u ergajna infurmajna lis-support workers u qalulna sa kemm jiġi stabbli ma jidholx fic-centru. Stennejna dik in-nofs siegha, u dak il-hin ma tana l-ebda trouble però ghaddew xi residenti ohrajn mill-gate tipo beda jiftah il-gate u jaghlaqha, kellimnieh u qalilna tipo li jrid jmur jorqod. Stennejna nofs siegha tghaddi, infurmajna lis-support workers u thalla jidhol u spiċċajna tipo ghadna goodnight lil xulxin u dan ir-resident qabad mixi lejn is-support workers office. Żammejt daqqa t'ghajn fuqu, kif rajtu waqaf hdejn is-support workers office imxejt biex nara x'inhu jiġri, kien hemm Lourdes barra, mort hemm hekk u kien hemm ukoll Glenn Spiteri li huwa support worker ukoll. Kien qed jitkellem bil-lingwa tieghu insomma u bdejt nipprova nghidlu per eżempju biex jmur jorqod imma ma bdejniex niftehmu. L-approach tieghu minn normali kien daqsxejn aggressiv, bdejt nifhmu li beda jibghatna niehdu. Testwalment jghid: "Foxx kemm ghandi u foxx ommi, u tipo bdejna ninkoragguh jiena flimkien mas-support workers biex tipo hu jmur jorqod u jikkalma." Fil-frattemp gew securities ohra, RFO'S ohra avvicinaw flimkien mal-pulizija biex jippruvaw jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni u nikkalmaw lil dan ir-resident u jmur jorqod. Is-sitwazzjoni baqghat teskala, kellhom jintervjeni l-pulizija biex jipprovaw jeskortawh il-barra. Spiċċaw xi pulizija ma' l-art ukoll, kellhom jassistu s-securities biex johorguh il-barra. Dan baqa' jkun aggressiv mal-pulizija u anke mas-securities, b'xi mod irnexxielhom johorguh barra u dan ir-resident 18K50 baqa' jirreżisti.

Jispjega li ma harigx barra izda li seta' li baqa' jirreżisti mal-pulizija u mas-securities. Jaf li tahom hard time ghax kellha tiġi karozza ohra

tal-pulizija u sa ġiet karozza ohra li jidhirli li kienet ta' l-RIU biex jipprovaw jihhandiljaw din is-sitwazzjoni. Imbghad haduh minn fuq il-post.

Xehed **Dalibor Ciric**[10] bil-lingwa Ingliza. Jispjega li huwa jahdem security officer mal-kumpanija Signal 8 u dakinhar kien qieghed l-Villagg Hal Far u ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl "I was near the gate with my collegue, there is small room for us, and I moved near the gate and someone was there in front of the room of Fava's and he waved his hand, you know there is a problem. When I turn my head on the right side I saw police with one resident that they stay plenty of them together you know. And resident and one police they was on the floor you know together and I kind of helped them you know and I catch him and I tell them leave them for me you know because I know it is easier to catch him and take him out you know. And then they leave him for me, I take him I call my collegue and we take him outside. When we take him outside of the gate I told him bro you are drunk, you cannot go inside, you have to go. And he didn't listen what I told him because he is drunk, I repeat again and he took the bag and tried to hit with that bag one man from AWAS his name is Glenn, throw the bag but thanks god it didn't hit him. And then we come me and my collegue you know and he punched my collegue in the nose in the face. We pulled him, my collegue put him on the floor and then we let him to go you know. But he started to try to kick us in the leg, shouting, he swear, he is saying too much bad things and then he go opposite side. Opposite side there is too much rock, he took one rock to try to hit us and Chris the supervisor he recognized him, to be honest I did not recognize him and he ran, he just grabbed him from his arms and he

[10] A folio 31 tal-process.

moved him, thanks god he didn't hit us with that rock because it was a very very big rock. They will tell you as well my collegue, supervisor and other people. Then we put him on the floor then come police officers and after we left everything in their hands." Jghid li ma kienx jaf x'jismu izda gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien qed jixhed dwarha.

Xehed **Blagojche Marinkovski**[11] bil-lingwa Ingliza. Jispjega li huwa jahdem security officer mal-kumpanija Signal 8 u dakinhar kien qieghed l-Villagg Hal Far u ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' bil-lejl "I see my collegue, he was running, I run after him, I see one police he was on the ground, he attacked the police. We tried to help them, we took him out. Then we tell him you cannot go inside you are drunk. He threw the bag to one of the support workers. After when we took him out he hit me in my nose, we put him on the ground. After we went inside we don't let him to come. He took a big rock to throw at us. He called my supervisior, he try to take him, I take him and I put him on the ground, he was trying to hit us more times. That's it, after that come the police and they take him. He hit me in my nose." Jghid li ma kienx jaf x'jismu izda gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien qed jixhed dwarha.

Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2023, il-Prosekuzzjoni esebit certifikat mediku ta' PS 2123 Mary Grace Saliba li ge immarkat DC1[12].

Xehed **PS 133 Jean Claude Mangion**[13] li spjega li fit-2 ta' Mejju ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija dahlet telefonata mill-control room ġewwa l-ghassa ta' Birzebuggia li kien hemm kollegi li kienu

[11] A folio 34 tal-process.
[12] A folio 38 tal-process.
[13] A folio 39 tal-process.

overtime ġewwa l-AWAS li kellhom bżonn l-assistenza ghax kien hemm wiehed mir-residenti t hemm hekk l-ewwel kellu xi jghid ma' xi hadd ta' l-istaff umbghad kien irrezistihom. Meta mort fuq il-post jiena sibt lil PS 2041, PS 2123 u PC 367 u PC 809 barra mill-AWAS fit-triq u lil Aziz Ali Abdul li qed ngharfu hawn hekk fl-awla.

Jghid li l-imputat kien bil-qeghda immanetjat b'idu fuq wara mal-genb ta' triq. Hemm hekk staqsa lill-pulizija x' kien gara fejn qalulu li Aziz kellu dizgwid ma' xi hadd minn ta' l-istaff u talbuhom biex johorguh barra mic-centru ta' l-AWAS. Jispjega li dahal ġewwa u tkellem ma' ċertu Maria Lourdes Schembri li tahdem hemm hekk bhala support worker li qaltlu li ftit tal-hin qabel kien avvicinaha Aziz u beda jikkomplejna dwar il-kamra fejn jorqod. Lourdes bdiet tghidlu biex l-ghada filghodu jkellem lil co ordinator t'hemm hekk biex jkunu jistghu jirranġaw din il-problema li ghandu tal-kamra però dan baqa jistaqsiha l-istess affarijiet u hi baqghat twiegbu bl-istess mod. Hu beda jgholli lehnu u bdiet tinqala' ftit ta' kommossjoni. Malli sema' l-kommossjoni, kien hemm iehor li jahdem l-AWAS ukoll li jismu Christian Michael Attard, li dan kif semgha lil Aziz jillitiga ma' Maria avvicinahom u kif staqsih x' gara Aziz qal li beda joffendih ghax hasbu security. Kif semghu dan id-dizgwid, din il-kommossjoni l-pulizija hargu u staqsewhom x' gara u ma garax u l-istaff ta' l-AWAS talbuhom biex lil Aziz jeskortawh il-barra mic-centru. Huma u hergin, Aziz u l-pulizija peress li beda jirrezistihom spiċċaw waqghu fl-art u kien hemm anke PC 809 li spjegalu li Aziz prova jigdimlu saqajh. Però bl-ghajnuna tas-security eventwalment gie skortat l-barra.

Peress li l-manetti li kellu fuqu kienu ta' PS 2123 jiena ddecidejt biex inbidluhomlu halli hi tkun tista tirritorna d-dar wara l-overtime. Ghamiltu wiċċu mal-karozza u bdejna nipprovaw jiena u żewġ

pulizija ohra nipprovaw inehhulhomlu biex inlibsu tieghu. Kif nehhejnilu wahda minnhom qed inzommlu idejh jien, bl-ohra PS 2123 bdiet tipprova tnehhihielu però b'subghajh it-thumb qabdilha subghajha beda jafasha mal-manetta u bdiet tghidli ajma qed jweggaghni. Kif smajt hekk jiena qbadt u ghidtilhom ha nniżluh ma' l-art ghax ma ridtx li jkompli jwegga' lil xi haddiehor. Niżżilnieh ma' l-art u hemm hekk biddilnielu l-manetti u ergajna immanetjajnieh fuq wara. Kif dahalnieh fil-karozza tas-servizz ta' Birzebbugia beda jghati b'saqajh u anke laqghat ir-radio, mis-seat ta' wara b'saqajh laqghat ir-radio fuq il-parti ta' quddiem tal-karozza igifieri u hemm hekk iddeċidejt illi ahjar jiġu ta' l-RIU peress li fuq wara ghandhom fejn jistghu jġorru lin-nies ahjar mill-karozza tas-servizz taghna.

Eventwalment gew PC 112 u 1493 ta' l-RIU u wara li ghamilna tfittxija fuq Aziz dahhalnieh fil-karozza ta' l-RIU u hadnieh l-ghassa. Haġa ohra qabel ma gew ta' l-RIU jien tkellimt ma' Aziz u bdejt nistaqsih x'gara fejn hu l-unika haġa li beda jghidli kien iccekja l-cameras, iccekja l-cameras . Aziz kellu daqsxejn demm ma' wiċċu fuq din il-parti u bdejt nistaqsih jiena jekk jridx assistenza medika fejn dan beda jirrifjutaha. Meta wasalna l-ghassa jiena l-ewwel haġa staqsejtu b'liema lingwa jifhem hu, avolja l-Malti deher li beda jifhimni, qalli li jifhem bl-Gharbi u tghajtu ittra tad-drittijiet bl-Gharbi. Hemm hekk erġajt staqsejtu jekk jridx assistenza medika u dan rega' irrifjutaha. Bdejt indahhal ir-rapport u dan fl-Ghassa dan beda jidghi bil-Madonna, joffendina b'kemm ghanda etc.

Waqt li jiena bdejt indahhal ir-rapport u ma nkellmux, tghajnih anka biċċa tissue biex jkun jista jimsah id-demm qabadha u hemm il-perspex u tefaghhieli minn fuq il-perspex u waqghet fuq il-keyboard tieghi mimlija demm tieghu. Eventwalment jiena ikkuntatjajt lill-

iSpettura Doriette Cuschieri u ghidtilha b'dan kollu u qaltli sabiex jittiehed il-lock up. Sadanittant sa kemm kien qed jiġri dan kollu fl-ghassa, PS 2123 marret taghmel ceritifkat mediku habba l-griehi li kienet sofriet ghax kienet qaltli li kellha girfa f'idejha. U biex hadnih il-lock up lil Aziz ġibna prison van mill-garage tal-pulizija, l-ewwel hadnih il-polyclinic tal-Furjana, hemm hekk lanqas mat-tabiba ma ridt jikkoopera igifieri, bdiet tipprova ticcekjalu qalbu igifieri u bdiet tipprova tinvistah kif tista però dan ma ridtx jikkoopera. Fl-ahhar nett wara li gie ċċertifikat mill-polyclinic tal-Furjana hadnieh il-lock up u ghaddejt ic-certifikat li tawni mill-Floriana Health Centre u harguli karta bid-dettalji tieghu mill-AWAS, dawk hallejthom handover lill-iSpettur Doriette Cuschieri l-ghassa taz-Zejtun.

Huwa gharaf ic-certifikat mediku f'isem Abdulaziz Ali Abdalla Adem, Dokument DC2 a foio 52 tal-process, li gie esebiet mill-prosekuzzjoni.

Huwa prezenta pendrive bil-body cam footage tieghu u ta' PC 1477 il-pulizija li kellu mieghi l-ghassa, Dokument JCM1 a folio 44 tal-process u CCTV footage miġbur mic-centru ta' l-AWAS, Dokument JCM2 a folio 45 tal-process.

Jispjega li  r-rapport tal-incident kitbu hu  u jgib in-numru: 5/POL/2207/2023, liema rapport iktar tard gie aġġornat mill-Spettur Jonathan Cassar. Huwa ipprezenta r-rapport li gie mmarkat bhala Dok JCM 3, a folio 46 tal-process.

Xehed **PC 1477 Owen Michael Gatt**[14] li spjega li nhar it-2 ta' Mejju kien xoghol ta' bil-lejl ġewwa l-Ghassa ta' Birzebbugia fejn

[14] A folio 53 tal-process.

jiena kont xufier. Ircevejna telefonata ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija li l-pulizija li kienu xoghol ġewwa l-AWAS Hal-Far Tent Village kellhom bżonn l-assistenza taghna ghaliex kien hemm wiehed li prova jgaralhom ġebla. Ahna morna mill-ewwel fuq il-post jiena u s-Surgent 133 fejn malli wasalna sibna erba' pulizija u lilu mmanetjat bil-qeghda ma' l-art. Dawn il-pulizija kienu PS 2041, PS 2123, PC 809 u PC 367 fejn staqsejniehom x'gara eżatt u qaluli li prova jgaralhom ġebla wara li harguh minn ġewwa l-open centre. Imbghad is-Surgent mar jiehu l-verzjoni u jiena bqajt mal-pulizija l-ohra fuq barra u malli ergajna hrigna, s-Surgent staqsieh jekk ghandux bżonn xi assistenza medika, fejn hu rrifjuta din l-assistenza medika. Provajna inbidlulu l-manetti biex innizluh ġewwa l-ghassa ta' Birzebbugia halli jkun jista jiġi iktar mitkellem. Malli provajna inbidlulu l-manetti beda qisu jirreżisti, ma bediex jhallina inbidluhomlu. Lil PS 2123 qabdilha subghajha u bdiet tghidilna li qed jweggaghha. Ahna niżżilnieh mal-art halli nkunu nistghu nahdmu ahjar, rajna li ma jweggax rasu ma jhabbatx rasu mal-art u biddilniehomlu. Malli dahalnieh fil-karozza tad-distrett beda jixxutja gol-karozza, laqghat ir-radio, il-gear lever u ergajna hrignieh minn gol-vettura u tfajnieh ergajna bil-qeghda mal-art. Tlabna ghall-assistenza ta' l-RIU fejn x'hin gew niżżilnieh bil-vettura ta' l-RIU u niżżilnieh l-ghassa. Malli wasalna l-ghassa ergajna staqsejnieh jekk ghandux bżonn assistenza medika u rega' irrifjuta. Is-Surgent tah id-dritt ta' l-avukat u d-drittijet kollha tieghu, tajniehomlu bil-miktub bil-lingwa Gharbija, ghax hu qal li jifhem bl-Gharbi, imbghad haduh il-polyclinic u jien bqajt l-ghassa.

Huwa qal li l-persuna kien jisimha Abdulaziz Abdul u gharfu fl-

Spjega li fl-ghassa beda joffendihom diversi drabi bhal "foxx kemm ghandkom, foxx ommkom". Provajna inzommuh kalm izda beda l-

hin kollu jirreżisti, kien ha johrog ġismu ukoll biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu mal-hajt ta' l-ghassa, fejn imbghad hadnih il-polyclinic. Jghid li l-imputat beda jitkellem bil-Malti ghax kull ma beda joffendi bil-Malti.

Xehdet **Dr Maria Grazia Grech**[15] li giet murija Dokument DC. Hija spjegat li dn huwa ċertifikat mahrug minnha fit-3 ta' Mejju 2023 fis-siegha ta' filghodu fil-Floriana Health Centre. Tispjega li ezaminat lil Abdulaziz Ali b'karta ta' l-identita jew passaport numru 1163047F jew ref com number 18K-050 u li joqghod Hal-Far Open Centre u sibtu jbghati minn dawn il-feriti u sofferenzi. Tispjega i kellu barxa fuq in-naghas tax-xellug twil ċentimetru, tbenġila ta' żewġ ċentimetri fuq ix-xellug tal-mohh, tbenġila fuq in-naha tal-lemin ta' l-imnieher, barxa zghira, tbenġila fuq in-naha tax-xellug tal-mohh. In-natura tal-griehi huma hfief salv komplikazzjonijiet.

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku ta' PS 2123 Mary Grace Saliba u l-affidavit tat-Tabib Dr. Stephanie Brincat li ezaminatha, Dokument DB1[16].

Xehdet **PS 2041 Elaine Cassar**[17] li spjegat illi fit-2 ta' Mejju 2023 kienet qeghda overtime ġewwa AWAS fejn ghall-habta ta' l-ghaxra semghu kommossjoni ġejja mill-ufficcini ta' l-istaff stess. X'hin marru hemm hekk sabu lil Ali Abdalla Adem Abdulaziz jargumenta ma' support worker u shift leader, fejn qalulhom biex johorguh il-barra peress li kien qieghed fi stat ta' sakra. Tghid li kif kienu hergin bih Abdulaziz tefa' lil PC 809 ma' l-art fejn prova jigdmu imma ma hallihx jigdmu u minn hemm hekk kienu marru jassistuhom s-

[15] A folio 57 tal-process.
[16] A folio 59 u 60 tal-process.
[17] A folio 61 tal-process.

securities tal-AWAS stess u hargu barra. Kif kienu qeghdin barra Abdulaziz qabad ġebla kbira u kien ha jwaddabhielhom, huma ma hallewhx u minn hemm arrestawh, tawh id-drittijiet tieghu u ċemplu l-ghassa ta' Birzebbugia ghall-assistenza. Kif gew fuq il-post u kienu qed ibiddlu l-manetti Abdulaziz qaras lil PS 2123. Minn hemm imbghad gie mittiehed ġewwa l-ghassa ta' Birzebbugia. Hija gharfet lill-imputat fl-awla bhala Abdulaziz Ali Abdalla li kienet qed tirreferi ghalih.

Xehed **PC 809 Patrick Farrugia** li spjega li fit-2 ta' Mejju 2023 ghall-habta ta' l-ghaxra konna qeghdin stazzjonati ġewwa l-AWAS flimkien ma' tlett kollegi ohra u semghu xi argumenti gejjin minn gol-container. Hrigna u sibna lil ċertu Abdulaziz jargumenta ma' social worker flimkien mat-team leader ta' l-AWAS, fejn imbghad tawna struzzjonijiet biex nohorguh il-barra minhabba li kien fi stat ta' sakra ghax ovvjament ghandhom xi regolamenti li ma jistghux ikunu fis-sakra. Fejn hemm hekk x'hin konna qed neskortawh il-barra beda jirreżisti, qisu madwar sekonda ġejna igifieri dan, waqajna, waqajt jiena flimkien mieghu, qabadli ma saqajja u prova jigdimni. Imbghad nehhejtlu rasu sa biex ma jigdimnix, baqa' jirreżisti u bqajta nordalu sa biex jitlaqli saqajja. Baqa' jisforza ma' saqajja. Imbghad gew is-securities t'hemm hekk u nehhewh minn ma saqajja, fejn imbaghad skortawh il-barra. Wara dan mar faċċata tal-AWAS fejn hemm hajt tas-sejjieh u qabad ġebla fejn prova jhebb ghalina bil-gebla, fejn hemm hekk imbghad immanetjajnieh, niżżilnieh ma' l-art u mmanetjajnieh sabiex ma jweggghanix u ma jweggax lilu nnifsu fejn imbaghad ċemplu ghall-assistenza l-ghassa ta' Birzebbugia. Malli gew ta' Birzebbugia bdejna inbidlu l-manetti fejn dan umbghad meta is-Surgenta bdiet tbiddilu l-manetti, induna li kellha subghaja gol-manetti u allura beda jissara maghha u beda jikkawzala xi griehi hfief. Fejn imbghad dahhalnieh fil-karozza ta'

Birzebbugia u beda jipprova jkissirha, fejn beda jaghti bis-saqajn u prova jkisser ir-radio tal-vettura. Imbghad ġiet msejjha l-assistenza ta' l-RIU fejn huwa gie skortat l-ghassa ta' Birzebbugia. Huwa identifika lill-imputat fl-awla.

Mistoqsi sofriex griehi jghid li kellu barxa minhabba li waqghu.

Xehed **PC 733 Leander Spiteri**[18] li mistoqsi jaghrafx lil xi hadd fl-awla identifika lill-imputat fl-awla. Jispjega li fit-02 ta' Mejju ghall-habta ta' xi l-ghaxra u nofs ta' bil-lejl, cemplulhom kollegi li kienu qeghdin overtime fl-AWAS li kellhom bżonn l-assistenza ghax kien hemm persuna li prova jitfalghom ġebla. Marru l-kollegi tieghi, imbghad l-involviment tieghi kien meta gew lura, meta ġabuh lura l-ghassa arrestat. Jispjega li fl-ghassa l-imputat beda jghajjat, jidghi, jitkellem bil-Malti u f'illi bl-Gharbi, imbghad naqra Ingliz jghid "fuck you" lil kollha kemm ahna li konna fl-ghassa ghax filli jiġi f' wiċċi, filli jiġi f'wiċċ is-Surgent, f'illi jiġi f' wiċċ il-kollegi tieghi. Jghid li l-imputat kien aggressiv, jgholli lehnu, jsabbat. Jghid li ma kienx qieghed f'sensih, kien xurban.

Jispjega li hin minnhom tawh tissue ghax kellu d-demm f'mohhu, mesah id-demm u waddabielhom, qabbiza l-perspex u giet fuq il-komputer fejn kien qed jahdem is-Surgent.

In kontro-ezami jispjega li vjolenza fiżika ma kienx hemm fil-konfront taghkom.

Xehed **PC 367 Michael Sacco**[19] li mistoqsi jaghrafx lil xi hadd fl-awla identifika lill-imputat fl-awla. Jispjega li fit-02 ta' Mejju waqt

---

[18] A folio 65 tal-process.
[19] A folio 68 tal-process.

li kienu qeghdin duty Hal-Far Tent Village ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija semghu kommossjoni u marru biex jaraw x'gara u sabu lil Abdulaziz jillitiga mas-support worker u mas-security u beda jkellimhom hazin. Kien jidher qisu fi stat ta sakra ukoll. Pruvaw jikkalmawh biex imur fil-kamra tieghu ghal darba, tnejn, tlieta, izda dan ma bediex jisma'. Is-support worker qaltilhom li f'dan il-kaz ahjar johrog barra  ghax kien ha jharbat it-tent village kollu bl-attegjament tieghu u ddecidew li johorguh il-barra. F'dak il-hin qisu ikkonvinca ruhu ghax tkellimna mieghu illi johrog barra imbghad x' hin jkun f'siktu jidhol u qisu obda ghal dak il-hin. Izda ahna u hergin il-barra u qed noqorbu lejn il-gate ta s-salt biex jmur lura. Kien hemm pulizija kollega PC 809 prova jżommu, PC 809 waqa' mal-art u Abdulaziz waqa' fuqu, u dak il-hin beda jipprova jaqbadlu saqajh u beda jipprova jigdmu wkoll. Gew is-securities u flimkien hrignieh il-barra, kellu xi hwejjeg u basket hrigniehom barra. Sadanittant qed nghidulu jekk jikkalma ha jidhol imma iktar irvilla u iktar gie aggressiv. Mar faċċata mal-hajt tas-sejjieh u kien qed jipprova jaqla' l-gebel biex jwadbilna l-gebel. Dak il-hin il-pulizija li konna duty hemm hekk flimkien mas-securities morna u zammejnieh u immanetjajnieh. Tlabna l-assistenza tal-pulizija tad-distrett li gew minnufih, l-istess bdew jipprovaw jikkalmawh u qalulu ha jispiċċa l-ghassa minhabba dan l-attegjament tieghu u tefghuh fil-karozza. Kif kien fil-karozza iktar sar aggressiv u mis-seat ta' wara beda jtawwal saqajh ghal fuq id-dash board, ghal fuq l-steering, ghal fuq ir-radio tal-pulizija u hrignieh mill-karozza u ghajjatna ghal assistenza tal-pulizija ta' l-RIU ghax attrezzati b' vettura li hemm separator bejn is-seats ta' wara u d-driver. Gew ta' l-RIU u dak il-hin haduh l-ghassa ghal iktar stharrig minn naha tad-distrett.

F'dan kollu beda jheddidna, beda jitkellem hazin, jidhirli li lill-pulizija mara weggghet naqra idejha ukoll, u waqt li qed nippruvaw nikkalmawh, beda jipprova jigdimna. Beda joffendina b'ommna, u insibkom, id-dagha u l-kliem hazin kienu bil-Malti.

Xehed **PC 1493 Christian Debono**[20] li mistoqsi jaghrafx lil xi hadd fl-awla identifika lill-imputat fl-awla. Jispjega li fit-2 ta' Mejju ghal habta ta' l-ghaxra u nofs kienu gew infurmatic li kien hemm persuna aggressiva l-AWAS Hal-Far. Irrapurtajna fuq il-post fejn sibna lill-imputat mal-ewwel arrestat minn naha tad-distrett, ghamilnielu tfittxija fuqu biex naraw li ma kellux xi haġa li tista' twegga' lilna jew lilu, niżżilnieh l-ghassa ta' Birzebbugia u hallejnieh hemm hekk. Waqt it-tfittxija beda jghidilna xi kliem, beda joffendina u hekk, "Foxx ommok żgur li kien qal, bdejna insiktuh imma baqgha sejjer biha."

Jispjega li waqt li kienu sejrin bih l-ghassa "Beda jhabbat rasu mal-perspex, igifieri ahna bdejna inharsu l-quddiem, il-hin kollu beda jhabbat rasu gol-perspex li tifridna. Jispjega li kien fis-sakra, forsi xi droga ukoll, kien eccitat ukoll.

In kontro-ezami mistoqsi jekk l-imputat bediex iwegga' lilu nnifsu mal-perspex, jghid li hu jhares il-quddiem kien u l-imputat kien fuq wara bil-perspex bejniethom. Jghid li ma rax dmija f'wiccu.

Xehed **PC 112 Joshua James Grixti**[21] li mistoqsi jaghrafx lil xi hadd fl-awla identifika lill-imputat fl-awla. Jispjega li fit-02 ta' Mejju ta' din is-sena 2023 ghal habta ta' l-ghaxra u nofs kien hemm sejha biex nassistu lil ta' distrett minhabba li kellhom persuna li kien

[20] A folio 70 tal-process.
[21] A folio 74 tal-process.

fi stat ta' sokor u ma kienx safe biex huma jiehduh bil-karozza tas-servizz maghhom lejn l-ghassa tal-pulizija. Ġejna imsejhin ahna, ghax ahna fil-vettura taghna ghanda section fin-naha ta' wara tal-vettura mghamra bil-perspex biex il-persuna li jkun arrestat jkun maqtugh ghalih u anka jkun safe milli jwegga lilna. Wasalna fuq il-post, minhabba li l-persuna kien daqsxejn ecitat ma setghux jaghmlu tfittxija fuqu u ahna ghamilna tfittxija fuqu. Fil-bidu kien daqsxejn kalm, kif bdejna naghmlu t-tfittxija u wasalna fil-bwiet tal-qalziet beda jiġi ecitat u aggressiv, beda joffendina. L-iktar frażi li beda jghid ta' spiss kienet "foxx ommok". Igifieri ahna komplejna bit-tfittxija u ma tajniex kasu ghax konna nafu li qieghed taht effett ta' l-alcohol, rikkibnieh fil-vettura u hadnieh lejn l-ghassa. Waqt li konna fejn l-ghassa baqa' joffendi, igifieri baqa' jghid l-istess frażi u kif wasalna l-ghassa igifieri niżel u poġġejnieh l-ghassa fejn imbghad il-pulizija tad-distrett komplew huma minn naha taghhom.

Fit-tragit ukoll beda jaghti mal-perspex, ihabbat. Jiena ma nafx ghax jiena kont ix-xuffier, kull ma smajt it-tahbit. Issa kienx b'saqajh, kienx b'rasu, kienx mod iehor minn parti minn ġismu ma nafx. Naf li beda jghati mal-perspex u jiena bdejt nghidlu Aziz ikkalma, ghidtlu hemm wara wahdek qieghed, ghidtlu la inti ma tista' tmiss lilna u lanqas ahna ma nistghu inmissu lilek. Bdejt nghidlu Aziz ikkalma u baqa' ghaddej igifieri.

In kontro-ezami jghid li meta waslu l-ghassa kellu ftit demm fuq ghajnejh igifieri liema wahda ma niftakarx eżatt. Kellu qasma zghira hafna igifieri. Fuq ix-xaghar t'ghajnejh. Issa jekk hux fuq tal-lemin jew tax-xellug ma niftakarx.

Xehed l-imputat **Abdulaziz Ali Abdalla**[22] li spjega li ilu sitt snin jghix Malta. Jispjega li dakinhar cemplulu li mietet ommu u beda jixrob biex ninsa u xorob hafna. Jghid li hu ma ried iwegga' lil hadd. Sitt snin Malta lanqas qatt ma kellu problemi jew glied, lanqas qatt ma ghamel xi haġa hazin. Imma dakinhar xorob hafna. Huwa skuza ruhu jekk weġġa' lil xi hadd. Jghid li jaqbel li jrid jindirizza l-problema tal-alkohol, tax-xorb u li minkejja li ma jiftakar xejn jekk weġġa' lil xi hadd jiskuza ruhu.

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li nstemghu l-provi kollha tal-prosekuzzjoni u l-prosekuzzjoni ghalqet l-istadju tal-provi taghha, l-imputat minghajr ebda ammissjoni xehed u skuza ruhu ghal dak li gara.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti ghalhekk tqis illi ghandha tezamina l-akkuzi migjuba kontra l-imputat fid-dawl tal-provi mressqa tul dawn il-proceduri u tiddikjara jekk hux tinstab htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel u t-Tieni Akkuza** jaqraw hekk:

1) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' **PS2123 Mary Grace Saliba, PS2041 Elaine Cassar, PC809 Burken**

[22] A folio 81 tal-process.

**Farrugia u PC367 Michael Sacco** filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
*Art 96 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' **PS2123 Mary Grace Saliba, PS2041 Elaine Cassar, PC809 Burken Farrugia u PC367 Michael Sacco, PC1493 Christian Debono, PC112 Joshua James Grixti, PC1477 Michael Owen Gatt, PC733 Leander Spiteri u PS133 Jean Claude Mangion**, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom, kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
*Art 95 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** ( App. Nru. 130/2002) deciz fid- 9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Prim Imhallef Vincent De Gaetano intqal is-segwenti fuq l-artikoli 95 u 96:

**'din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant seta' jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` tar-reat ta' attakk u resistenza skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti**

**skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". Ghalkemm jista' jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed "jezegwixxi l-ligi" jew jezegwixxi "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi.'[23]**

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Richard Tong** (App. Nru. 252/2015) deciza mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Edwina Grima nhar it- 28 ta' Gunju 2017 intqal:

**'Illi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:**

***"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."***

[23] Pagna 3. Ara ukoll **Il-Pulizija vs John Mizzi** (App. Nru. 45/2003) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Vincent DeGaetano kif ukoll **Il-Pulizija vs Abdel Hamid Zakkaria** (Kump. Nru. 76/2018) deciza mill-Qorti tal-Magistrati per. Magistrat Dottoressa Donatella Frendo Dimech.

**Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika. Dan qed jinghad ghaliex l-appellanti donnu qed jikkontendi fl-aggravvju minnu imressaq illi dan it-theddid kellu isehh filwaqt li l-kuntistabbli kien qed jaqdi dmirijietu jew fil-mument li kien qed jipprocedi ghall-arrest tieghu. Dawn bir-rispett huma l-elementi mehtiega fil-ligi sabiex jisussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 u mhux ukoll l-artikolu 95 li ma jinnecessitax illi l-oltragg isir, kif inghad, fil-mument tal-qadi tal-funzjoni pubblika diment illi jigi ippruvat in-nexus bejniethom kif inghad.'**[24]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Wayne Deguara** (App. Nru. 49/2020) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Jannar 2021 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera gie spjegat:

**'Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid: "This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."**

**Sahansitra f'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg jinghad:**

[24] Pagna 7.

**"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse o no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché[25] il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato".**

**Fir-rigward tas-sitt akkuza naxxenti mill-Artikolu 96, iridu jissussistu tliet elementi essenzjali minkejja li ukoll il-vitma irid ikun ufficcjal pubbliku.**

**1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss dizubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Mamo jkompli jghid:**

***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".***

[25] Errata corrige "di piu si sa che"

**Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.**

**2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-mens rea ghal kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.**

**3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid:**

***"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."***[26]

Meta wiehed izomm f'mohhu kemm l-insenjament tal-mibki Professur Sir Anthony Mamo kif ukoll il-gurisprudenza kompjuza tal-Qrati taghna, huwa ovvju li mill-atti jirrizultaw biss l-elementi

[26] Pagni 15 u 16.

formanti parti mir-rejat taht l-artikolu 95 u mhux dawk li isejsu l-artikolu 96. Ma jidhirx li l-imputat inghata xi ordni specifika biex jinzel mal-ufficjali tal-pulizija. **Il-Qorti tfakkar li ghalkemm l-ordnijiet li jinghataw mill-pulizija iridu jigu obduti mill-ewwel fl-istess waqt dawn l-ordnijiet iridu jkunu cari u univoci.** Li tistieden jew tissuggerixxi lil xi hadd biex jinzel mieghek biex ma jinqalax l-inkwiet mhux bizzejjed biex tghid li inti ordnajtlu! F'dan is-sens il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Grech et.** (App. Nru. 199/2007) deciza fil-25 ta' Awwissu 2008 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano intqal:

***'It-tielet imputazzjoni, pero`, ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata fil-konfront ta' l-imsemmi Grech, u dan ghaliex biex ikun hemm il-kontravvenzjoni li wiehed ma obdiex "l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita`" skond il-paragrafu (ee) ta' l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, l-ordni jrid jinghata b'mod car u mhux b'nofs kedda jew f'forma ta' suggeriment.'***[27]

Meta l-imputat ma riedx johrog mill-appartament ghax ried jiehu lil minuri mieghu, ladarba ma kienx hemmx ordnijiet diretti u univoci mill-pulizija, ghalhekk il-Pulizija ma kinitx qed **"qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".** Ma jirrizultax mill-atti processwali li l-agenti li kienu fuq il-post kienu taw lill-imputat xi ordni u hu barra li ma obdihiex hebb ghalihom ghax kieku l-istorja kienet tkun differenti.

**Ghaldaqstant, deplorabbli kemm hu depplorabbli l-atteggament u l-imgieba tal-imputat huwa ma jista' qatt jinstab**

[27] Pagna 4. Ara ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Mary Ebejer** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali ( App. Nru. 38/2019) per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera pg. 9.

**hati tat-tieni akkuza relatata mal-artikolu 96 imma biss taht l-artikolu 95.**

Illi fil-kaz in ezami, abbraccjata l-gurisprudenza fuq esposta, l-Qorti tqis illi in vista tax-xhieda moghtija kemm mid-diversi pulizija illi xehdu, mis-support workers, kif ukoll mill-ufficcjali tas-sigurta illi kienu prezenti waqt dan l-incident, dawn iz-zewg akkuzi gew sodisfacentament pruvati.

Illi pero l-Qorti tqis ukoll illi l-akkuza numru tnejn hija kompriza fl-akkuza numru wiehed u dan minhabba l-fatt illi irrizulta sew mill-provi illi l-ufficcjali tal-pulizija kienu qed jagixxu waqt il-qadi ta' dmirijiethom u ghalkemm ordnawlu diversi drabi sabiex jieqaf mill-agir tieghu huwa baqa' inadempjenti u baqa' jirrezisti u jhebb ghall-Pulizija, u dan anke fil-karozza fit-tragitt minn Hal-Far ghall-ghassa ta' Birzebbugia kif ukoll waqt illi kien l-Ghassa ta' Birzebbugia, ghalhekk se tkun qed tiehu in konsiderazzjoni ta' dan meta tigi sabiex tiddeciedi dwar il-piena li ghandha tigi imposta fuq l-imputat.

**Ikkunsidrat:**

**It-Tielet Akkuza** taqra hekk:

3) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-Surgent **PS2123 Mary Grace Saliba** f'periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema griehi huma ta' natura hafifa;
*Art 214,215, u 221 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghax-xhieda tal-istess PS 2123 Mary Grace Attard, u tal-membri l-ohra tal-Korp tal-Pulizija li

dakinhar kienu qed jaghmlu overtime duty fil-Villagg Hal Far, ix-xhieda moghtija mis-support workers u x-xhieda tal-ufficcjali tas-sigurta, kif ukoll ghac-certifikat mediku relattiv esebiet mill-prosekuzzjoni, minn liema jirrizulta li s-surgent giet imwegga' waqt illi ienet qed tipprova timmanettja lill-imputat. L-imseemija griehu gew klassifikati bhala hfief salc kumplikazzjonijiet. Ma ngabux provi li kien hemm xi kumplikazzjonijiet.

Il-Qorti ghalhekk qeghda issib lill-imputat hati ta' din l-akkuza.

**Ikkunsidrat:**

**Ir-Raba u l-Hames** Akkuzi jaqraw:

4) Hebb kontra **PS2123 Mary Grace Saliba, PS2041 Elaine Cassar, PC809 Burken Farrugia, PC367 Michael Sacco, PC1493 Christian Debono, PC112 Joshua James Grixti, PC1477 Michael Owen Gatt, PC733 Leander Spiteri u PS133 Jean Claude Mangion** sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;
*Art 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

5) Ghamel lil **PS2123 Mary Grace Saliba, PS2041 Elaine Cassar, PC809 Burken Farrugia, PC367 Michael Sacco, PC1493 Christian Debono, PC112 Joshua James Grixti, PC1477 Michael Owen Gatt, PC733 Leander Spiteri u PS133 Jean Claude Mangion** ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
*Art 339 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-provi migjuba, la darba gia instabet htija fl-imputat taht l-ewwel u t-tieni akkuza, allura mill-istess provi jirrizulta li dawn il-kontravvenzjonijiet dwar hebb, ingurji u theddid huma ukoll ampjament pruvati.

**Ikkunsidrat:**

**Is-Sitt Akkuza** taqra:

6) Hebb kontra **Blagojche Marinkovski u Dalibor Ciric** sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom il-hsara;
*Art 339 (1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti tqis illi din l-akkuza giet ukoll pruvata, dan ghaliex kellha tissejjah il-Pulizija sabiex jigi kontrollat l-imputat, minkejja li s-support workers kienu talbu l-assistenza tal-ufficcjali tas-sigurta, li ma rnexxilhomx jikkalmaw lill-imputat u huwa baqa' ghaddej bil-komportament tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Is-Seba' Akkuza** taqra hekk:

7) Ghamel lil **Christian John Michael Attard**, ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
*Art 339 (1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

L-istess jinghad ghal din l-akkuza. Il-Qorti tqis illi din l-akkuza giet ukoll pruvata, dan ghaliex minkejja l-isforzi tas-support workers, huma kellhom isejhu lill-ufficcjali tas-sigurta ghall-assistenza, u

wara sejhu wkoll lill-Pulizija sabiex jigi kontrollat l-imputat, minkejja li s-support workers kienu talbu l-assistenza tal-ufficcjali tas-sigurta, li ma rnexxilhomx jikkalmaw lill-imputat u huwa baqa' ghaddej bil-komportament tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**It-Tmien u d-Disgha Akkuza** jaqraw:

8) Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; *Art 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

9) Naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

   *Art 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti tqis illi dawn iz-zewg akkuzi gew ukoll pruvati sodsfacentament. Ix-xhieda kollha li tressqu qalu li kien hemm kommossjoni, li din il-kommossjoni qalaghha l-imputat, li kien hemm il-biza' li seta' jqajjem irvell fil-Villagg fost l-okkupanti l-ohra u ghalhekk is-support workers talbu l-assistenza sabiex l-imputat jittiehed barra mill-Villagg. Spjegaw li sahansitra prova jigdem lill-Pulizija li kien qed jippriva jikkalmah sabiex johrog il-barra. X'hin harguh barra prova jwaddbilhom xi gebel. Il-Pulizija kellhom jitolbu aktar assistenza. Sahansitra anke x'hin dahhluh fil-karozza tas-servizz beda jaghti daqqiet bis-sieq fuq ir-radio tal-karozza, tant li kellhom jissejhu tal-RIU sabiex jeskortawh huma peress illi l-karozza taghhom hija mghammra b'perspex li jifred il-parti ta' quddiem tal-karozza mill-parti ta' wara.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ghaxar Akkuza** taqra:

10) F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu;
*Art 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti tqis illi din l-akkuza hija ukoll sodisfacentament pruvata. Ix-xhieda kollha xehdu li l-imputat kellu riha ta' xorb fuqu. Kien ghalhekk illi s-support workers wara li ma rnexxielhomx jikkalmawh, talbu l-assistenza sabiex jinhareg barra u dan peress illi l-Villagg ma jaccettax okkupanti li jkunu taht l-effett ta' l-alkohol u dan ghar-ragunijiet ta' sigurta kemm tal-okkupanti kif ukoll tal-haddiema, liema ragunijiet wiehed japprezza u jifhem.

Mhux biss, izda anke waqt illi kien ghadu diehel fil-Villagg, gie innutat illi huwa kien qed jimxi imxengel.

Meta qala' l-kommossjoni r-raguni li kien xurban wasslet sabiex jigi eskortat il-barra mill-konfini tal-Villagg.

Mhux biss izda l-ufficcjali tas-sigurta u l-ufficcjali tal-Pulizija kollha jghidu li l-imputat kien xurban.

Dan imbaghad gie konfermat mill-imputat stess meta xehed u qal li huwa dakinhar kien ircieva l-ahbar li ommu mietet, u kien xorob hafna sabiex jinsa. Huwa jghid li ma jafx x'gara izda skuza ruhu ghal dak kollu li gara.

Il-Qorti tqis li ma hemm'x il-htiega li wiehed jidhol fil-punt jekk dak li gara kien f'lok pubbliku. Dan ghaliex l-incident mexa mill-Villagg ghat-triq u mit-triq ghall-Ghassa. M'hemm'x dubju li t-triq hija pubblika, m'hemm'x dubju li kwalunkwe ghassa hija accessibbli ghall-pubbliku, u lanqas ma hemm dubju li t-toroq li jilhqu d-diversi huts fil-Villagg ta' Hal Far huma ukoll accessibbli ghall-pubbliku li jghix fl-istess Villagg.

Illi l-Qorti ghalhekk tqis illi din l-akkuza giet ukoll ampjament pruvata.

**Ikkunsidrat:**

**L-Akkuzi numru Hdax u Tnax** jaqraw:

11) Ikkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. V. Axiaq LL.D. nhar it-28 ta' Lulju, 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

12) Irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzai tal-Qrati tal-Magistrati li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

*Art 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Illi l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prov dwar l-imsemmija akkuzi u konsegwentament dawn ma gew pruvati bl-ebda mod u ghalhekk il-Qorti m'hiex issib htija fl-imputat fir-rigward ta' dawn iz-zewg akkuzi.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ghalhekk qed jinstab hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba, tal-hames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien, tad-disa' u ta' l-ghaxar akkuza, filwaqt illi l-imputat mhux jinstab hati tal-hdax u tat-tnax-il akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ikkalibrar tal-piena l-Qorti qieset il-gravita u n-natura tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt li uhud mill-akkuzi huma komprizi f'ohrajn, il-fedina penali kwazi netta tal-imputat,  il-fatt illi l-imputat skuza ruhu ghall-akkadut.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 95, 96, 214, 215, 221 (3), 338 (dd), 338 (ee), 338 (ff), 339 (1) (d) u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **ABDULAZIZ ALI ABDALLA ADEM HATI** tal-akkuzi numru wiehed, tnejn, tlieta, erbgha, hamsa, sitta, sebgha, tmienja, disgha u ghaxra migjuba kontra tieghu[28], filwaqt illi ssib lill-imputat **ABDULAZIZ ALI ABDALLA ADEM MHUX HATI** tal-akkuzi numru hdax u tnax migjuba kontra tieghu u qed **Tikkundannah ghal sena prigunerija effettiva** li minnha ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawza kif ukoll qed **Tikkundannah ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800).**

---

[28] Il-Qorti tqis illi ghandha taghti piz lill-fatt illi l-akkuza numru tnejn hija kompriza u involuta fl-akkuza numru wiehed, tant illi l-prosekuzzjoni u d-difiza qablu illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-multa li ghandha tigi imposta ghandha tkun fil-minimu u ghandha tkun dik mahsuba taht l-Artikolu 95 u mhux dik taht l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tqis illi fl-ikkalibrar tal-piena ghandha tiehu dan il-qbil in konsiderazzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din is-sentenza u l-obbligi tieghu taht l-istess.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.
Magistrat

Iamin Guarracino
Deputat Registratur